# Il-Ħuttafa

Numru 139

Marzu - April 2017



Fjamma

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



# Ħbieb Ħuttaf




**Demm il-Madonna** pjanta baxxa tax-xagħri.

Victor Falzon

## mill-editur

Fit-8 Marzu 2017 waqt baħar jibla' l-art iġġarrfet it-Tieqa tad-Dwejra. Sparixxiet fil-baħar u pajjiżna tilef monument naturali għażiż. Ilkoll sewwidna qalbna għax It-Tieqa kienet parti mill-karattru ta' pajjiżna.

Bħal forom oħrajn fil-blat, it-Tieqa kienet opra tan-natura. Darba kienet parti solida mis-sies. Imma l-mewġ, ir-raxx mielaħ, ir-riħ u x-xita mermru l-blat u ffurmat il-ħnejja. Imma t-tmermir ma waqafx. Baqa' jwessa' sa ma fl-aħħar ċeda l-pilastru li kien qed iżomm kollox.

Xi nies tkażaw u qalu li missna għamilna xi ħaġa biex insalvawha. Imma kontra l-forzi tan-natura il-bniedem huwa nemla u spiss ma jista' jagħmel xejn. Daqs kemm tista' twaqqaf vulkan! Kien ikun aħjar kieku tkażaw bil-ħsarat li jagħmel il-bniedem lin-natura. Fl-inħawi tad-Dwejra stess hemm ħsarat kemm trid: barrieri, bini illegali, steppa maħruqa, imnasab, kaċċa, karozzi pparkjati fix-xagħri, kamping illegali, munzelli ta' radam, skart, eċċ.

Dawn huma l-ħsarat li jistgħu jitwaqqfu jew jitnaqqsu. Kull ma trid huwa **rispett lejn in-natura** u **nfurzar tal-liġi**, żewġ ingredjenti li għadhom skarsi wisq f'pajjiżna.




Victor
**Victor Falzon** L-Editur




Victor Falzon

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' **Aron Tanti**

Il-**fjamma** (common redstart *Phoenicurus phoenicurus*) huwa għasfur żgħir li naraw fil-passa tar-rebbiegħa u l-ħarifa. Jismu fjamma għax denbu ħamrani. Minkejja ismu bl-Ingliż, dan l-għasfur m'għadux daqshekk komuni daqs kemm kien 20 sena ilu. Diversi għasafar li jieklu l-insetti ħadu kedda f'dawn l-aħħar snin.

BirdLife MALTA

## X'għandna f'dil-ħarġa?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Is-Semmiegħa | 4-5 |
| Attività u avviżi | 5 |
| Membru akkanit | 5 |
| Il-bexx | 6 |
| Kollox roża | 7 |
| Irrid insir berdwoċer! | 8-9 |
| Il-Gawwija Prima | 10-11 |
| It-Tieqa | 12 |


## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

Fl-aħħar ħarġa, bi żball ġibna li **Il-Ħuttafa** għalqet 33 sena. Ridna ngħidu 23, mhux 33. Skużawna.

© BirdLife Malta, April 2017

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Isimgħu l-programm
**"Naturali"**
fuq **Radju Marija**
kull nhar ta' **Ħadd** fis-**1pm**






Victor Falzon

# Staġun bla sens

Kontra kull raġuni u sens komun dir-rebbiegħa reġa' nfetaħ staġun tal-kaċċa. L-istaġun kien ta' tliet ġimgħat (25 Marzu sa 14 April).

Suppost li l-istaġun kien għall-kaċċa tas-summien biss. Imma f'dawk il-21 jum inqatlu wkoll ħafna għasafar protetti. Biss biss il-BirdLife daħlulha 15-il għasfur feruti jew mejtin, ilkoll speċi mħarsin bil-liġi. Dawn kienu **Daqquqa tat-Toppu** (3), **Bagħdan Aħmar** (5), **Gamiema** (1), **Tellerita** (2), **Ħuttafa** (1), **Spanjulett** (1), **Spanjulett Sekond** (1) u **Rundun** (1).

Dawn l-għasafar kollha kienu qed ipassu minn Malta mingħalihom sejrin ibejtu x'imkien sabiħ fl-Ewropa. Imma flok bejtu u żiedu iktar għasafar spiċċaw inqatlu f'Malta.Mhux ta' b'xejn aħna kontra l-kaċċa fir-rebbiegħa.




Aron Tanti

# It-tiġieġa fuq il-bajd

**Fl-Ewropa t-Tiġieġa tal-Baħar (Common Coot) ssibha tgħix u tbejjet bil-gzuz kważi f'kull għadira. Imma f'Malta hija speċi skarsa li tidher fil-passa tal-ħarifa, b'xi waħdiet forsi jgħaddu x-xitwa jekk isibu post fejn ma jfixkilhom ħadd. Wieħed minn dawn hija r-riserva tas-Simar, fejn fl-2008 dan l-għasfur anke bejjet. Din kienet l-ewwel darba f'Malta! Minn dak iż-żmien 'l hawn it-Tiġieġa tal-Baħar reġgħet bejtet hemm xi drabi oħra imma mkien iktar. Issa par ieħor instab ibejjet fir-riserva tal-Għadira. Għadu kmieni biex inkunu nafu s-suċċess tal-bejta. L-ewwel iridu jfaqqsu l-flieles, jikbru u jitgħallmu jtiru. Hemm biss inkunu nistgħu niċċelebraw storja oħra ta' suċċess!**




Iryna Lukashuk




# Mixja suċċess

It-temp kien bnazzi u kellna attendenza sabiħa ta' **125 ruħ**. Kbar, żgħar, membri u mhux membri, studenti, familji, ġenituri, għalliema u leaders. U Ħuttafa ġganta!

Iltqajna taħt l-Imdina u mxejna lejn id-Dwejra, fejn waqafna nistrieħu ftit ħdejn il-kappella tal-Madonna ta' Ittria. Imbagħad komplejna r-rotta, għaddejna minn Binġemma u minn ħdejn l-Imġarr u ż-Żebbiegħ. Għamilna waqfa oħra ħdejn l-Għar ta' San Martin, fejn il-leaders qassmulna l-mandolin. L-aħħar tappa wasslitna ħdejn ir-riserva naturali tas-Simar, fil-Bajja tax-Xemxija. Hemmhekk saret attività kraft għall-membri u tqassmu *goody bags* lil min ħa sehem. Imbagħad ġew il-vannijiet u lkoll għedna ċaw u nfridna.

B'kollox inġabret is-somma sabiħa ta' **€1123**, li bihom issa l-BirdLife ħa tixtri teleskopju tajjeb għas-Simar.

Ir-rebbieħa tal-kamera kienet **Nina Busuttil** li ġabret l-iktar flus għall-mixja.

Grazzi lil kull min ġie jimxi u grazzi wkoll lil-leaders li organizzaw kollox u li bis-saħħa tagħhom kollox mar bizzilla.



Iryna Lukashuk

**Nina Busuttil**

Il-Ħuttafa 139 • April 2017 • p4



# is-Semmiegħa

## L-avventuri ta' erba' tewmin

kitba ta' Desirée Falzon

Kien l-ewwel ta' Ottubru u għal Peter u oħtu Sylvia kienet l-ewwel darba fi skola sekondarja.

"Din fula f'qargħa!" qalet Miss Galea, l-għalliema tal-Ingliż, meta rat li fil-klassi kellha mhux biss lil Peter u Sylvia tewmin, imma anke lil Maris u ħuha Sky!

Iż-żewġ pari tewmin qatt ma kienu ltaqgħu imma ġieli kienu raw lil xulxin f'Ħal Bużbież, ir-raħal fejn kienu jgħixu.

"Biex insiru nafu iktar lil xulxin," qaltilhom il-Miss, "se ningħaqdu fi gruppi t'erbgħa, u kulħadd se jsir jaf daqsxejn fuq xi ħadd li ma jafx fil-grupp. Imbagħad id-dar irridkom tfittxu fuq l-ismijiet tal-persuni l-oħrajn fil-grupp tagħkom biex għada tgħiduli xi sibtu."

Il-Miss imbagħad qassmet l-istudenti fi gruppi ta' erbgħa. Daret fuq it-tewmin u qaltilhom bi tbissima: "Peter, Sylvia, Maris u Sky, intom flimkien!"

Ftit ftit għaddiet l-ewwel ġurnata. Iż-żewġ pari tewmin sabu ruħhom fuq l-istess karozza lura lejn id-dar. Is-sewwieq kien ġdid fuq ir-rotta lit-tewmin niżżilhom f'post li Maris u Sky ma kinux jafuh.

"Hawn fejn qegħdin?" inkwetat Maris, "Din mhix it-triq tagħna."

Imma b'xorti tajba Peter u Sylvia kienu jafu l-inħawi.

"Mhux problema," qalet Sylvia, "jekk ngħaddu minn das-sqaq bejn l-għelieqi naslu viċin it-triq tagħkom."

Bdew mexjin fit-trejqa, kollha fjuri tal-ħarifa u insetti jduru magħhom. Imma x'ħin waslu fin-nofs sabu għadira kbira ilma kollha tajn mix-xita tal-ġurnata ta' qabel.

"Issa x'se nagħmlu?" qal Sky, "Se nħammġu ż-żarbun ġdid!" Il-Mamà ta' Maris u Sky tqatta' u tiekol minnha imma tinbidel f'mostru jekk tidħlilha d-dar bit-tajn maż-żarbun!

"Tinkwetawx," ikkalmahom Peter, "Jien u Syl ngħaddu mit-tajn għan-naħa l-oħra, għalina mhux problema," qal bid-daħqa. "Intom irrankaw u aqbżu l-għadira u aħna nilqgħukom biex ma taqgħux." U hekk għamlu.

Id f'id, Maris u Sky taw salt kbir u qabżu flimkien. X'ħin niżlu n-naħa l-oħra kienu se jeħduha għal wiċċhom imma Peter u Sylvia qabduhom minn idejhom.

F'daqqa waħda l-erbat itfal, għadhom id f'id, semgħu tgeġwiġija ilħna żgħar, ilħna rqaq, ilħna mwerwrin.

"Qed jaqtgħu kollox! X'se nitma' liż-żgħar? Kif se nagħmel l-għasel? Xi storbju! Dik x'magna hi? X'qed jiġri? Qed jiħdulna l-ikel!



Victor Falzon

Dan x'ġenn hu! Dawn jafu x'qed jagħmlu?"

It-tfal baqgħu ċċassati jisimgħu. Maris kient l-ewwel waħda li ġiet f'sensiha. Telqet id ħuha u f'daqqa waħda kollox reġa' kkwieta. L-ilħna rqaq ma baqgħux jinstemgħu.

"Waww!" qaltilhom, "Fhimtu x'qed jiġri?" L-oħrajn ħarsu lejha. "Araw dak ir-raġel qed jaqta' l-fjuri. Jekk jibqa' jqaċċat, l-insetti se jispiċċalhom l-ikel!"

"Imma x'ġara? X'kienu dawk l-ilħna?" staqsa Sky.

"Dik narawha wara," għajjat Peter, li kien diġà qed iħaffef biex ikellem lir-raġel li kien qed iħaddem *grass cutter*. Dan kien ħaddiem tal-gvern, imqabbad biex 'inaddaf' l-isqaqien mill-ħaxix ħażin. Kif ra erbat itfal bla nifs quddiemu kollha jkellmuh f'salt, tefa l-*grass cutter*.

Ma kinitx faċli. It-tewmin damu kwarta jispjegawlu u jippillawlu li l-ħaxix selvaġġ mhuwiex ħaxix ħażin, għax l-insetti għandhom bżonnu daqs kemm aħna għandna bżonn l-ikel fuq il-platt.

"Ħmm, qatt ma kont ħsibtha din," ammetta fl-aħħar. "Ara, ħa ngħidilkom x'ħa nagħmel. Jien il-ħaxix xorta jkolli naqtgħu imma mil-lum 'il-quddiem ħa nibda nagħtih ċans jagħmel il-fjuri u ż-żerriegħa qabel naqtgħu. Tajjeb hekk?"

L-aħwa għoġbithom is-soluzzjoni. Irringrazzjawh u komplew triqthom lejn id-dar jitkellmu eċitati. Lura d-dar fittxew isem xulxin fuq l-Internet, kif talbithom il-Miss.

"Il-aħwa," qalet Maris, "Peter ifisser blat, Sylvia jfisser bosk, Sky ifisser sema u Maris ifisser baħar! Meta qbadna id xulxin ħloqna katina maġika tan-natura. Forsi għalhekk ġralna hekk?"

"Jista' jkun,' weġibha ħuha, "Tgħid għalhekk il-Miss kellha ħarsa f'għajnejha meta poġġietna fl-istess grupp?"




Attività

# Sbieħ... imlewna... attivi... itiru...

Għasafar?
Le, mazzarelli!


Victor Falzon

**Vjolett**
Violet Dropwing
*Trithemis annulata*

Insetti kbar u interessanti. Għalhekk se nagħmlu mixja biex immorru nfittxuhom, ingawduhom u nitgħallmu ftit dwarhom. Magħna ħa jkollna espert.

Data **Is-Sibt 30 Mejju 2017**
Għal membri żgħażagħ: **FALKO (13+)**
Għal aktar tagħrif ċempel **21347646** jew ibgħat imejl lil **events@birdlifemalta.org**

**Kont taf?**
Il-mazzarelli hawn Maltin jafuhom bħala **ajruplani**.

## L-10 ta' Mejju huwa l-Jum Dinji tal-Passa!

Żur il-websajt **www.worldmigratorybirdday.org**


Aron Tanti

**Tertuxa**
Little Stint

**Aqbżu qabża sar-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar dal-weekend. Ftuħ 10am sa 4pm. Dħul b'xejn. Ir-riservi jibqgħu jiftħu sal-aħħar tal-Mejju.**

## Membru akkanit



**Mattija Nikol Xerxen** huwa membru fi Klabb Ħuttaf li ftit ilu għamel riklam sabiħ għall-Klabb u għall-BirdLife. Fi kliemu ...

"Jisimni Mattija u qiegħed Junior 6 fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl. Waqt laqgħa f'Jannar l-għalliema staqsietna dwar Klabb Ħuttaf u peress li jiena membru aċċettajt li nagħmel preżentazzjoni dwar il-Klabb. Ħassejtni vera kburi. Ippreparajt PowerPoint presentation u l-BirdLife bagħtuli ħafna magażins, posters u stickers.

Il-preżentazzjoni għamiltha waqt l-*assembly* ta' filgħodu quddiem l-istudenti kollha tar-Raba', Ħames u Sitt sena tal-iskola. Għidtilhom dwar *Il-Ħuttafa*, fuq kemm ikun fiha tagħrif interessanti dwar l-ambjent u n-natura. Tkellimt ukoll dwar l-attivitajiet tal-BirdLife li jistgħu jattendu l-membri tal-Klabb. Kien hemm preżenti r-Rettur u għenuni wkoll sħabi. Fl-aħħar qassamna fuljetti u ħajjarna lit-tfal jissieħbu fi Klabb Ħuttaf."



Mattija (bil-mikrofonu) waqt il-preżentazzjoni, megħjun minn sħabu Aidan Wingfield u Axel Abela, l-għalliema tiegħu Ms Kim Dimech, u r-Rettur Fr Silvio.

**Prosit immens Mattija. U grazzi ħafna.**



# il-bexx

Sean Bonello

Illum-il ġurnata l-bdiewa li jipproduċu l-ikel tagħna spiss ikollhom suċċess għax ħafna mill-prodotti jibqgħulhom ħajjin. Però fil-passat din xejn ma kienet faċli. Il-bdiewa kienu jbatu ħafna biex iżommu l-pjanti ħajjin, u dan minħabba insetti, mard, temp ħażin u fatturi oħrajn.

## X'inbidel?

Waħda mir-raġunijiet għaliex illum xogħol il-bidwi huwa eħfef hi li ddaħħlu kimiċi bħal pestiċidi, erbiċidi u fungiċidi. Dawn il-kimiċi jinbexxu fuq il-pjanti biex jikkontrollaw l-affarijiet li jheddu s-saħħa tal-prodotti. Il-bexx iwaqqaf l-insetti milli jieklu l-pjanti u għalhekk l-uċuħ tar-raba' għandhom ċans ikbar ta' suċċess.

Kemm tinstema' idea tajba! Imma sfortunatament hemm il-problemi għax il-bexx ma jibqax biss fuq il-pjanti. Parti minnu tispiċċa fl-ilma naturali u anke fil-ħamrija permezz tax-xita. B'riżultat t'hekk jispiċċa jaffettwa l-ambjent kollu madwar il-pjanti, inkluż saħħitna stess.

Barra minn hekk meta insett jieħu l-pestiċida fih mhux dejjem imut mill-ewwel imma jaf jibqa' ħaj għal xi żmien. U kif nafu, ħafna insetti jittieklu minn ħafna annimali.

## X'ifisser?

Dan ifisser li jekk għasfur jiekol insetti li ġew f'kuntatt mal-bexx, il-bexx awtomatikament jispiċċa f'ġisem l-għasfur ukoll. Peress li għasfur jiekol ħafna insetti, tinġema' ħafna kimika tal-bexx ġo fih. Din tikkaġuna ħsara kbira għas-saħħa tal-għasfur u tista' toqtlu wkoll.

U l-problema ma tiqafx hemm. Jekk pereżempju tajra tal-priża tiekol numru ta' għasafar żgħar li ħadu fihom il-bexx, il-kimiċi jispiċċaw jinġemgħu anke fil-ġisem tal-għasfur il-kbir.

## Xi ħsara tagħmel?

Il-kimiċi li nsibu ġol-bexx iħallu effett ħażin ħafna fuq l-għasafar. Pereżempju l-veleni fil-bexx jaffettwaw il-ħxuna tal-qoxra tal-bajd. Meta jbidu l-bajd il-qoxra taf tkun irqiqa wisq u dgħajfa li l-frieħ ma jsalvawx għax il-ġenituri jkissruha meta jpoġġu fuqha biex isaħħnuha. Jekk il-qoxra tkun ħoxna wisq il-frieħ ma jirnexxilhomx ifaqqsu u jmutu fil-bajda.

Jekk it-tajr tal-priża jieklu ħafna insetti u għasafar iżgħar bil-bexx ġo fihom jista' jikkawża anke l-mewt tal-għasafar. L-għasafar huma biss grupp wieħed minn ħafna vittmi tal-bexx. Vittmi oħrajn huma l-qanfud u l-wiżgħat.

## X'nistgħu nagħmlu?

Waħda mis-soluzzjonijiet biex nindirizzaw il-problema hi li jitkabbru l-pjanti b'mod organiku f'għelieqi u b'kura speċjali fejn ebda kimika ma tintuża.

Huwa veru li f'Malta l-biedja organika diffiċli ssir għax pajjiżna gżira żgħira u l-mument li bidwi partikolari juża l-bexx, l-għelieqi ta' madwaru faċli jintlaqtu wkoll. Però llum fis-supermarkets kważi dejjem insibu taqsima ta' ħxejjex u frott (impurtati) organiku. Dawn x'aktarx ikunu ftit iktar għaljin mill-prodotti normali imma jekk minn xirja sħiħa nixtru mqar oġġett wieħed li jkun organiku, dejjem huwa pass 'il quddiem. Dak il-prodott ħa jkun żgur aħjar għal saħħitna, u nkunu qed nagħmlu kuraġġ lill-biedja organika biex tkompli tinfirex.

Li nistgħu nagħmlu wkoll hu li nqajmu kuxjenza dwar is-suġġett u flimkien naraw kif nistgħu nikkonvinċu l-industrija tal-biedja biex inaqqsu u jikkontrollaw l-użu tal-bexx, u biex iktar bdiewa jaqilbu għal tkabbir organika.

### Kif jinġema' l-velenu

Il-velenu li jkunu kielu jew iċċappsu bih l-insetti jgħaddi mill-katina tal-ikel u jispiċċa jinġema' fil-ġisem ta' predaturi bħal isqra, eċċ. Dan jista' jkun biżżejjed biex imarradhom jew joqtolhom.




Victor Falzon


Desirée Falzon

Ċistu Roża


Desirée Falzon

Lsien l-Għasfur


Victor Falzon

Leblieb tax-Xagħri

# Kollox roża

F'Malta jikbru pjanti bi fjuri ta' kull lewn, imma mhux l-ilwien kollha huma komuni. Pereżempju fjuri sofor u bojod għandna ħafna imma fjuri blu ftit għandna. Għandna wkoll ħafna fjuri roża u hawnhekk għandkom 10 minnhom, li tista' tgħid kollha qegħdin bil-fjuri bħalissa. Morru passiġġata fil-kampanja u jekk tiltaqgħu magħhom ittikkjaw iċ-ċirku aħdar.


Desiree Falzon

Orkida Piramidali


Victor Falzon

Ħubbejża tas-Siġra


Victor Falzon

Ċentawrja Kbira


Alex Casha

Papoċċi Ħamra


Aron Tanti

Widnet il-Baħar


Aron Tanti

Sieq il-Ħamiema



Desiree Falzon

Silla Selvaġġa

# Irrid insir berdwoċer! 3

**Martin Austad** jagħtina pariri biex jgħinna nsiru berdwoċers.

Qegħdin fir-rebbiegħa u n-natura mimlija insetti, fjuri... u għasafar. L-għasafar tal-post qegħdin bil-bejta u tal-passa jieqfu hawn għal ftit biex jieklu u jistrieħu qabel ikomplu l-vjaġġ lejn artijiet oħra. Aħna l-berdwoċers nistennew bil-ħerqa daż-żmien eċitanti. Għalhekk nisperа li s'issa xtrajt tromba u bdejt issib postijiet tajbin fejn tmur. Jekk le titlifx ħin, għax dan żmien tajjeb ħafna biex tibda.




Victor Falzon

## L-għodda tal-berdwoċer 2. In-nowtbuk u l-gajd

### In-nowtbuk

Fil-ħarġa ta' qabel semmejna n-nowtbuk biex fih tikteb x'għasafar tara meta toħroġ. Qis li jkun żgħir biżżejjed li joqgħodlok komdu fil-but.

Minbarra lista tal-għasafar li tkun rajt ikteb ukoll id-**data**, il-**ħin** li kont berdwoċing, u l-**post** fejn kont. Nota tat-**temp**, li jinkludi d-direzzjoni u l-qawwa tar-riħ, jgħinek tibda tidra tendenzi ta' meta jidhru iżjed ċertu għasafar tal-passa. Tajjeb tikteb ukoll in-**numru** ta' għasafar ta' kull speċi li osservajt. Dan iżjed faċli meta l-għasafar ikunu fi qtajja' li tkun tista' tgħoddhom dak il-ħin. Meta għasafar ikunu f'waħdiet mifruxin, bħal pereżempju l-buful iswed fil-Buskett, ħafna drabi niktbu estimi. Għal dan trid iżjed esperjenza peress li l-għasafar jiċċaqalqu u faċli tgħodd doppju.

Tajjeb tikteb ukoll xi osservazzjonijiet fuq **l-imġiba** tal-għasfur, pereżempju li rajt għasfur tal-bejt iġorr materjal tal-bejta, jew li spanjulett kien qed jissaqqar waqt li jikkaċċja. Tinsiex in-nowtbuk huwa personali tiegħek u fih tista' tikteb li trid.




In-nowtbuk huwa dokument tiegħek personali. Qassmu kif l-aktar komdu għalik u uża sistemi kif l-aktar tifhimhom int.




Gajd tajjeb ikun **ippakkjat tagħrif** imma fl-istess ħin **ma jkunx ktieb goff**, ħalli tkun tista' toħorġu miegħek bla ma jtaqqlek. L-aħjar gajds huma dawk **bl-għasafar impinġijin**, mhux ritratti. Tajjeb ukoll li l-kitba dwar l-għasfur **tkun fl-istess fetħa** fejn hemm l-istampa. B'hekk għandek it-tagħrif kollu quddiemek bla ma toqgħod tqalleb il-paġni. Il-*Collins Bird Guide* fih dawn l-affarijiet kollha. Prezz xi €27.



Ħa jkun hemm drabi li għasfur ma tagħrfux, speċjalment fil-bidu imma anke berdwoċers tal-esperjenza tiġrilhom din. Jekk l-għasfur ma rajtux sew u leħaq tar, paċenzja m'hemmx x'tagħmel! Imma jekk ikollok ċans tosservah sew ħu noti tad-**dettalji**. u iktibhom jekk jista' jkun dak il-ħin stess. Flok noti bil-kitba tista' wkoll tagħmel **skeċċ** ta' xi dettal li rajt, pereżempju faxx ċar fuq il-ġewnaħ, jew strixxa fuq l-għajn. Dawn imbagħad qabbilhom mat-tagħrif fil-gajd biex jgħinek tagħraf x'għasfur kien. Li hu żgur hu li berdwoċer tajjeb ma jaqbadx ifajjar speċi jekk ma jkunx ċert. U dal-gajd x'inhu?

## Il-gajd

Gajd (jew *field guide*) huwa ktieb li ismu miegħu għax jiggwidak biex tagħraf l-għasafar. Hawn diversi gajds imma l-aqwa wieħed li jeżisti bħalissa huwa l-*Collins Bird Guide*. Fih tagħrif biex jgħinek tagħraf l-għasafar kollha li jidhru fl-Ewropa, inkluż s'intendi Malta. Tista' tixtrih onlajn (ara wkoll il-kaxxa fuq). Wara t-tromba, il-gajd huwa l-iktar għodda importanti għall-berdwoċer, għalhekk fittex akkwista wieħed.

Iżjed ma tqalleb fil-gajd u tara għasafar fl-ambjent tagħhom iżjed tibda tidra liema karatteristiċi għandek tinota l-ewwel biex tagħraf għasfur. Id-**daqs** huwa fost l-ewwel li għandek tinnota. Qabbel ma' għasfur komuni li taf: Iżgħar minn għasfur tal-bejt? Ikbar minn ħamiema? Imbagħad iċċekkja l-**munqar**: irqiq, goff, twil, qasir, dritt, mgħawweġ? It-**tul** tas-**saqajn** u tad-**denb** ukoll importanti, kif ukoll il-forma tal-**ġwienaħ**. Osserva l-**kuluri**. Għandu xi rqajja' ta' lwien differenti? Għandu tikek jew strixxi? Fejn qegħdin? Jekk tikteb "għasfur kannella" mhux se tgħinek wisq għax hemm viżibilju imma jekk iżżid "daqs sturnell, munqar ippuntat, strixxa ċara tasal sa għajnejh, ċirku ċar m'għajnejh, tikek suwed fuq sider abjad" għandek tasal li rajt malvizz. Iktar u iktar jekk smajtu u ħadt nota tal-**għajta** tiegħu "għajta tsik...tsik".

## L-għajta nofs il-bejgħ!

La qed insemmu l-għajta, mur fil-websajt **www.xeno-canto.org** u ibda tgħallem il-ħsejjes tal-iżjed speċi komuni. Il-websajt hija bla ħlas.

## Iż-żmien tas-sena

Iż-**żmien** tas-sena huwa ħjiel essenzjali. Pereżempju d-diżż u l-pespus jixxiebħu ħafna għal min għadu jibda, imma d-diżż jidher fir-rebbiegħa u l-ħarifa filwaqt li l-pespus ikun magħna fix-xitwa.




Il-ktieb **L-Għasafar ta' Malta** ta' Joe Sultana jgħidlek meta jidhru l-ispeċi f'pajjiżna. Għal bejgħ mingħand il-BirdLife u xi ħwienet tal-kotba. Prezz €9.50

## Taqtax qalbek!

Niftakar fl-ewwel snin tal-berdwoċing tiegħi kont inkun spiss iffrustrat għax fin-nowtbuk iżjed kelli għasafar li m'għaraftx milli dawk li għaraft! Imma tinkwetax jekk jiġrilek bħali, mill-iżbalji titgħallem.

Hemm ħafna speċi f'xiex titfixkel, imma żomm! Fuq dan m'għandniex ingergru għax hija d-diversità li tagħmel il-berdwoċing tant sabiħ u eċitanti.

Iktar ma tqalleb fil-gajd iktar tidra x'għandek tfittex meta tara għasfur.



# il-Gawwija Prima

Victor Falzon

**Bajda silġ minn taħt u griża minn fuq, il-Gawwija Prima ssaħħrek taraha għaddejja taqdef fuq rasek, kważi tixgħel kontra s-sema blu. Kbira, tħobb il-kumpanija ta' sħabha u storbjuża speċjalment fl-inħawi fejn tbejjet. Il-Gawwija Prima hija l-ikbar għasfur li jbejjet fil-Gżejjer Maltin.**

Isem xjentifiku *Larus michahellis*
Isem bl-Ingliż Yellow-legged Gull
Daqs 52-58ċm
Medda tal-ġwienaħ 120-140ċm
Ikel ħut, annimali żgħar, skart organiku
Ħabitat xtut, irdum, baħar
Status komuni, residenti s-sena kollha



Meta l-gawwi ġenituri jżuru l-bejta, il-flieles itektku din it-tikka ħamra. Dan ikun messaġġ li jfisser "Għandi l-ġuħ!" u fil-pront il-ġenituri jitimgħu lil uliedhom!

Id-dahar u l-ġwienaħ griżi, u l-abjad fuq il-bqija ta' ġisimha, juru li din il-Gawwija Prima hija adulta.

Dan iċ-ċurkett jitqiegħed fuq saqajn l-għasafar minn studjużi tal-għasafar li jissejħu *bird ringers*. Bis-saħħa tal-istudju biċ-ċrieket nitgħallmu ħafna fuq il-ħajja tal-għasafar.

Il-Gawwija Prima tixbaħ ħafna lill-Gawwija Saqajha Roża (*herring gull*) li tgħix fl-inħawi tan-North Sea u n-naħa ta' fuq tal-Atlantiku. L-iktar differenza ovvja hi li l-Gawwija Prima għandha saqajha sofor flok roża.

Aron Tanti

Joe Sultana



Joe Sultana

Il-Gawwija Prima tibni bejta sempliċi, ċatta fl-art fil-mikxuf jew qalb arbuxxelli baxxi. Tagħmilha minn ftit ħaxix niexef u xi rix. Il-mara tbid 2-3 bajdiet u l-ġenituri t-tnejn jieħdu ħsieb iżommu l-bajd sħun. Il-flieles ifaqqsu wara xi xahar.



John J Borg

Meta l-flieles ifaqqsu malajr iqumu fuq saqajhom u jimxu. Il-ġenituri tagħhom jibqgħu jġibulhom l-ikel sakemm jitgħallmu jtiru u jsibu l-ikel weħidhom.



Il-Gawwija Prima żagħżugħa jkollha ħafna rix kannella skur ma' ġisimha kollu, speċjalment fil-ġwienaħ u fuq daharha. Issir griża u bajda fir-raba' sena.



Joe Sultana

Dari l-Gawwija Prima kienet tbejjet madwar ħafna sisien u rdumijiet ta' Malta. Minħabba l-kaċċa u tfixkil ieħor illum-il ġurnata l-popolazzjoni kważi kollha tbejjet fuq Filfla, fejn ma jfixkilhom ħadd. Il-kolonja ta' Filfla bħalissa tgħodd xi 160 par.


It-Tieqa tad-Dwejra
kienet rigal tan-natura.
U kienet ukoll in-natura
li fl-aħħar ...
...ħaditha lura!

Joe Sultana